

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2075****tad-29 ta' Novembru 2019**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità 1, 8, 34, 37 u 38, tal-Istandards Internazzjonali dwar ir-Rappurtaġġ Finanzjarju 2, 3 u 6, l-Interpretazzjonijiet 12, 19, 20 u 22 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju u l-Interpretazzjoni 32 tal-Kumitat Permanenti tal-Interpretazzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 <sup>(2)</sup> ġew adottati ċerti standards u interpretazzjonijiet internazzjonali li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fid-29 ta' Marzu 2018, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà ħareġ emendi fil-qafas kunċettwali tal-Istandards Internazzjonali dwar ir-Rappurtaġġ Finanzjarju. L-objettiv tal-emendi huwa l-aġġornament tar-referenzi eżistenti fi-diversi standards u interpretazzjonijiet għall-oqfsa preċedenti bir-referenzi għall-qafas kunċettwali rivedut.
- (3) Il-konsultazzjonijiet mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtaġġ Finanzjarju ikkonfermaw li l-emendi għall-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1 *Preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji*, IAS 8 *Politiki kontabilistiċi, bidliet fl-istimi kontabilistiċi u żbalji*, IAS 34 *Rappurtaġġ finanzjarju interim*, IAS 37 *Provedimenti, obligazzjonijiet kontinġenti u assi kontinġenti* u IAS 38 *Assi intanġibbli*, u l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 2 *Pagament ibbażat fuq l-ishma*, IFRS 3 *Kombinamenti ta' operazzjonijiet* u IFRS 6 *Esplorazzjoni għal riżorsi minerali u l-evalwazzjoni tagħhom*, u Interpretazzjoni 12 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRIC) *Arranġamenti għall-Konċessjoni ta' Servizz*, IFRIC 19 *Estinzjoni tal-Obbligazzjonijiet Finanzjarji permezz ta' Strumenti Azzjonarji*, IFRIC 20 *Spejjeż għat-Tneħħija tal-Iskart fil-Fażi tal-Produzzjoni ta' Minjiera tal-Wiċċ* u IFRIC 22 *Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem*, u Interpretazzjoni 32 tal-Kumitat Permanenti tal-Interpretazzjoni (SIC) *Assi intanġibbli — spejjeż tas-siti fuq l-Internet* jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 1 *Preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

<sup>(1)</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tad-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

- (b) IAS 8 *Politiki kontabilistiċi, bidliet fl-istimi kontabilistiċi u żbalji* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (c) IAS 34 *Rappurtaġġ finanzjarju interim* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (d) L-IAS 37 *Provedimenti, obbligazzjonijiet kontinġenti u assi kontinġenti* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (e) L-IAS 38 *Assi intanġibbli* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (f) L-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 2 *Pagament ibbażat fuq l-ishma* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (g) IFRS 3 *Kombinamenti ta' Operazzjonijiet* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (h) IFRS 6 *Esplorazzjoni għal riżorsi minerali u l-evalwazzjoni tagħhom* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (i) Interpretazzjoni 12 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRIC 12) *Arranġamenti għall-Konċessjoni ta' Servizz* qed tiġi emendata kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (j) IFRIC 19 *Estinzjoni tal-Obbligazzjonijiet Finanzjarji permezz ta' Strumenti Azzjonarji* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (k) IFRIC 20 *Spejjeż għat-Tneħħija tal-Iskart fil-Fażi tal-Produzzjoni ta' Minjiera tal-Wiċċ* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (l) IFRIC 22 *Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (m) Interpretazzjoni 32 tal-Kumitat Permanenti tal-Interpretazzjoni (SIC-32) *Assi intanġibbli — spejjeż tas-siti fuq l-Internet* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data ta' bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX

**Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS**

## Emendi fl-Istandards tal-IFRS

**Emendi fl-IFRS 2 Pagament ibbażat fuq l-Ishma**

Jiżdied il-paragrafu 6 3E.

## DATA EFFETTIVA

...

63E *Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*, maħruġa fl-2018, emendaw in-nota f'qiegħ il-paġna tad-definizzjoni ta' strument ta' ekwità f'Appendiċi A. Entità A għandha tapplika dik l-emenda għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara. L-applikazzjoni bikrija hija permessa jekk fl-istess waqt entità tapplika wkoll l-emendi l-oħra li saru mill-*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*. Entità għandha tapplika l-emendi fl-IFRS 2 restrospektivament, suġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji fil-paragrafi 53–59 ta' dan l-Istandard, b'konformità mal-IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*. Madankollu, jekk entità tiddetermina li applikazzjoni retrospektiva tkun imprattikabbli jew tinvolvi kosti jew sforzi indebiti, għandha tapplika l-emenda fl-IFRS 2 b'referenza għall-paragrafi 23–28, 50–53 u 54F tal-IAS 8.

Fl-Appendiċi A, in-nota f'qiegħ il-paġna għad-definizzjoni ta' strument ta' ekwità hija emendata.

\* Il-Qafas Kunċettwali *għar-Rappurtaġġ Finanzjarju* maħruġ fl-2018 jiddefinixxi obligazzjoni bħala obbligu preżenti tal-entità li titrasferixxi riżorsa ekonomika bħala riżultat ta' avvenimenti fil-passat

**Emenda fl-IFRS 3 Kombinamenti ta' Negożji**

Fil-paragrafu 11, in-nota f'qiegħ il-paġna "Qafas" titħassar u tiżdied nota f'qiegħ il-paġna "*Qafas għat-Tħejjija u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji*". Il-paragrafu 11 ma ġiex emendat mod ieħor iżda huwa inkluż għall-ħeffa ta' referenza.

*Kundizzjonijiet tar-rikonoxximent*

11. Biex jikkwalifikaw għar-rikonoxximent bħala parti mill-applikazzjoni tal-metodu tal-akkwizzizzjoni, l-assi identifikabbli akkwistati u l-obbligazzjonijiet merfugħa jridu jissodisfaw id-definizzjonijiet ta' assi u obligazzjonijiet fil-Qafas *għat-Tħejjija u l-Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji* fid-data tal-akkwizzizzjoni. Pereżempju, kosti li l-akkwiredenti jistenna iżda mhuwiex obligat li jġarrab fil-futur biex jaffettwa l-pjan tiegħu biex joħroġ minn attività tal-akkwiredenti jew biex jitermina l-impjeg jew jagħmel rilokazzjoni tal-impjegati tal-akkwiredenti mhuwiex obligazzjonijiet fid-data tal-akkwizzizzjoni. Għalhekk, l-akkwiredenti ma jirrikonoxxix dawk il-kosti bħala parti mill-applikazzjoni tal-metodu tal-akkwizzizzjoni. Minflok, l-akkwiredenti jirrikonoxxi dawk il-kosti fir-rapporti finanzjarji ta' wara l-kombinament skont IFRSs oħrajn.

† Għal dan l-Istandard, l-akkwiredenti huma meħtieġa li japplikaw id-definizzjonijiet ta' assi u ta' obligazzjoni u gwida ta' appoġġ fil-Qafas tal-IASC *għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji* adottati mill-IASB fl-2001 minflok il-Qafas Kunċettwali *għar-Rappurtaġġ Finanzjarju* maħruġ fl-2018.

**Emendi fl-IFRS 6 Esplorazzjoni għal Riżorsi Minerali u l-Evalwazzjoni Tagħhom**

Il-paragrafu 10 huwa emendat, titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna "Qafas" fil-paragrafu 10 u jiżdied il-paragrafu 26 A.

**Elementi tal-kost tal-assi tal-esplorazzjoni u tal-evalwazzjoni**

...

10. Infiq relatat mal-iżvilupp ta' riżorsi minerali ma għandhux ikun rikonoxxut bħala assi ta' esplorazzjoni u evalwazzjoni. Il-Qafas Kunċettwali *għar-Rappurtaġġ Finanzjarju* u l-IAS 38 Assi Intanġibbli jipprovdu gwida dwar ir-rikonoxximent tal-assi li jirriżultaw mill-iżvilupp.

...

DATA EFFETTIVA

...

- 26 A *Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*, maħruġa fl-2018, paragrafu 10 emendat. Entità tapplika dik l-emenda għal perjodi annwali li jibdeu fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara. L-applikazzjoni bikrija hija permessa jekk fl-istess waqt entità tapplika wkoll l-emendi l-oħra li saru mill-*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*. Entità għandha tapplika l-emendi fl-IFRS 6 restrospektivament skont l-IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*. Madankollu, jekk entità tiddetermina li applikazzjoni retrospettiva tkun imprattikabbli jew tinvolveva kosti jew sforzi indebiti, għandha tapplika l-emenda fl-IFRS 6 b'referenza għall-paragrafi 23–28, 50–53 u 54F tal-IAS 8.

### Emendi tal- IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji*

Il-paragrafi 7, 15, 19–20, 23–24, 28 u 89 huma emendati u jiżdied il-paragrafu 139S. Erba' noti fqiegħ il-paġna jitħassru— in-noti fqiegħ il-paġna “paragrafu 25” fil-paragrafu 7, għat-tieni sentenza fil-paragrafu 15, għall-paragrafu 28 u għall-“Qafas” fil-paragrafu 89.

DEFINIZZJONIJIET

#### 7. It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:

...

**Omissjonijiet materjali** jew dikjarazzjonijiet żbaljati ta' xi entrati huma materjali jekk ikunu jistgħu, individwalment jew kollettivament, jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi tar-rapporti finanzjarji. Il-materjalità tiddependi fuq id-daqs u n-natura tal-ommissjoni jew tad-dikjarazzjoni żbaljata kif meqjusa fiċ-ċirkustanzi li jkunu marbuta magħhom. Id-daqs jew in-natura tal-entrata, jew it-tnejn li huma flimkien, jistgħu jkunu l-fattur determinanti.

L-evalwazzjoni ta' jekk omissjoni jew dikjarazzjoni żbaljata tistax tinfluwenza d-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-utenti, u għalhekk tkunx materjali, jeħtieġ tikkunsidra l-karatteristiċi ta' daww il-utenti. L-utenti huma meqjusa li jkollhom għarfien raġonevoli tal-attivitajiet ekonomiċi u tan-negozju u tal-kontabbiltà u r-rieda li jistudjaw l-informazzjoni b'diliġenza raġonevoli.” Għaldaqstant, l-evalwazzjoni jenħtieġ li tikkunsidra kif l-utenti b'dawn il-karatteristiċi jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jiġu influwenzati fit-tehd tad-deċiżjonijiet ekonomiċi.

...

*Preżentazzjoni ġusta u konformità mal-IFRSs*

15. Ir-rapporti finanzjarji għandhom jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati finanzjarji u l-flussi ta' flus tal-entità. Preżentazzjoni ġusta teħtieġ rappreżentazzjoni leali tal-effetti tat-tranżazzjonijiet, avvenimenti u kundizzjonijiet oħra skont id-definizzjonijiet u l-kriterji tar-rikonoxximent għall-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż imniżżla fil-*Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju (Qafas Kunċettwali)*. L-applikazzjoni tal-IFRSs, b'informazzjoni addizzjonali żvelata fejn meħtieġ, għandha tirriżulta f'rapporti finanzjarji li jagħtu preżentazzjoni ġusta.

...

19. Fiċ-ċirkustanzi estremament rari fejn il-maniġment jikkonkludi li l-konformità ma' rekwiżit ta' IFRS tista' tkun tant ta' diżgwid li tkun tmur kontra l-objettiv tar-rapporti finanzjarji kif imniżżel fil-*Qafas Kunċettwali*, l-entità għandha tidderoga minn tali rekwiżit bil-mod kif stipulat fil-paragrafu 20 jekk il-qafas regulatorju rilevanti jitlob, jew jekk b'xi mod ieħor li ma jipprojbixxi, tali deroga.

20. Meta entità ma tissodisfax rekwiżit tal-IFRS skont il-paragrafu 19, għandha tiżvela:

- (a) li l-maniġment ikun ikkonkluda li r-rapporti finanzjarji jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati finanzjarji u l-flussi tal-flus tal-entità;

- (b) li l-entità kienet konformi mal-IFRSs applikabbli, ħlief li dderogat minn rekwiżit partikolari biex tagħti preżentazzjoni ġusta;
- (c) it-titolu tal-IFRS li minnu l-entità tkun idderogat, in-natura tad-deroga, inkluż it-trattament li l-IFRS ikun jeħtieġ, ir-raġuni għaliex it-trattament jista' jkun tant ta' diżgwid fiċ-ċirkustanzi li jkun konfliġġenti mal-objettiv tar-rapporti finanzjarji kif imniżżel fil-*Qafas Kunċettwali*, u t-trattament adottat; kif ukoll
- (d) għal kull perjodu ppreżentat, l-effett finanzjarju ta' dik id-deroga fuq kull entrata fir-rapporti finanzjarji li kieku ġiet irrapportata b'mod konformi mar-rekwiżit.

...

23. F'ċirkustanzi estremament rari fejn il-maniġment jikkonkludi li l-konformità ma' rekwiżit ta' IFRS tista' tkun tant ta' diżgwid li tmur kontra l-objettiv tar-rapporti finanzjarji kif imniżżel fil-*Qafas Kunċettwali*, iżda l-qafas regolatorju rilevanti ma jkunx jippermetti deroga mir-rekwiżit, l-entità għandha, sal-massimu possibbli, tnaqqas l-aspetti tal-konformità li huma meqjusa ta' diżgwid billi tiżvela:

- (a) it-titlu tal-IFRS rilevanti, in-natura tar-rekwiżit, u r-raġuni għaliex il-maniġment ikkonkluda li l-konformità ma' dak ir-rekwiżit tista' tkun tant ta' diżgwid fiċ-ċirkustanzi li tkun konfliġġenti mal-objettiv tar-rapporti finanzjarji kif stipulati fil-*Qafas Kunċettwali*; kif ukoll
- (b) għal kull perjodu ppreżentat, l-aġġustamenti f'kull entrata fir-rapporti finanzjarji li l-maniġment ikkonkluda li jkunu meħtieġa biex tinkiseb preżentazzjoni ġusta.

24. Għall-fini tal-paragrafi 19-23, entrata ta' informazzjoni tkun konfliġġenti mal-objettiv tar-rapporti finanzjarji meta din ma tirrappreżentax lealment it-tranżazzjonijiet, avvenimenti u kundizzjonijiet oħra li tgħid li tirrappreżenta, jew li jkun raġonevolment ikun mistenni li tirrappreżenta, u konsegwentement, x'aktarx li tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet ekonomiċi meħuda minn dawk li jużaw ir-rapporti finanzjarji. Meta jevalwa jekk il-konformità ma' rekwiżit speċifiku ta' IFRS tistax tkun tant ta' diżgwid li tkun konfliġġenti mal-objettiv tar-rapporti finanzjarji kif stipulat fil-*Qafas Kunċettwali*, il-maniġment għandu jikkunsidra:

- (a) għaliex l-objettiv tar-rapporti finanzjarji ma jinkisibx fiċ-ċirkustanzi partikolari; kif ukoll
- (b) kif iċ-ċirkustanzi tal-entità ikunu differenti minn dawk ta' entitajiet oħrajn li jikkonformaw ma' dak ir-rekwiżit. Jekk entitajiet oħrajn f'ċirkustanzi simili jikkonformaw ma' dak ir-rekwiżit, ikun hemm preżunzjoni konfutabbli li l-konformità tal-entità ma' dak ir-rekwiżit ma tkunx tant ta' diżgwid li tkun konfliġġenti mal-objettiv tar-rapporti finanzjarji kif stipulat fil-*Qafas Kunċettwali*.

...

#### *Kontabbiltà fuq il-bażi tad-dovuti*

...

28. Meta tintuża l-kontabbiltà fuq il-bażi tad-dovuti, entità tirrikonoxxi l-entrati bħala assi, obligazzjonijiet, ekwità, dħul u spejjeż (l-elementi tar-rapporti finanzjarji) meta dawn jissodisfaw id-definizzjonijiet u l-kriterji tar-rikonoxximent għal dawk l-elementi li hemm fil-*Qafas Kunċettwali*.

...

#### *Profitt jew telf matul il-perjodu*

...

89. Ċerti IFRSs jispeċifikaw ċirkustanzi meta entità tirrikonoxxi entrati partikolari 'l barra mill-profitt jew telf fil-perjodu kurrenti. L-IAS 8 jispeċifika żewġ ċirkustanzi ta' dan it-tip: il-korrezzjoni ta' żbalji u l-effett tat-tibdil fil-politika kontabilistika. IFRSs oħrajn jirrikjedju jew jippermettu komponenti ta' dħul kumplessiv ieħor, li jissodisfaw id-definizzjoni ta' dħul jew spiża li hemm fil-*Qafas Kunċettwali* li jkunu esklużi mill-profitt jew telf (ara l-paragrafu 7).

...

## TRANŻIZZJONI U DATA EFFETTIVA

...

- 139S *Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*, maħruġa fl-2018, paragrafi 7, 15, 19–20, 23–24, 28 u 89 emendati. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara. L-applikazzjoni bikrija hija permessa jekk fl-istess waqt entità tapplika wkoll l-emendi l-oħra li saru mill-*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*. Entità għandha tapplika l-emendi għall-IFRS 1 restrospektivament skont l-IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*. Madankollu, jekk entità tiddetermina li applikazzjoni retrospettiva ma tkunx prattikabbli jew tkun tinvolvi kosti jew sforzi indebiti, għandha tapplika l-emenda tal-IAS 1 b'referenza għall-paragrafi 23–28, 50–53 u 54F tal-IAS 8.

**Emendi tal-  
IAS 8 Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji**

Il-paragrafi 6 u 11(b) ġew emendati. In-noti f'qiegħ il-paġna tal- "paragrafu 25" fil-paragrafu 6 u fil-paragrafu 11 (b) jitħassru u tizzied nota f'qiegħ il-paġna ġdida għall-paragrafu 11 (b). L-intestatura qabel il-paragrafu 54 hija emendata u jiżjeddu l-paragrafi 54F-54G.

## DEFINIZZJONIJIET

...

6. L-*evalwazzjoni ta' jekk omissjoni jew dikjarazzjoni żbaljata tistax tinfluwenza d-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-utenti*, u għalhekk tkunx materjali, jeħtieġ tikkunsidra l-karatteristiċi ta' dawk l-utenti. L-utenti huma meqjusa li jkollhom għarfien raġonevoli tal-attivitajiet ekonomiċi u tan-negozju u tal-kontabbiltà u r-rieda li jistudjaw l-informazzjoni b'diliġenza raġonevoli. Għaldaqstant, l-*evalwazzjoni jehntieg li tikkunsidra kif l-utenti b'dawn il-karatteristiċi jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jiġu influwenzati fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi*.

...

**Għażla u applikazzjoni tal-politiki kontabilistiċi**

...

11. **Biex isir il-ġudizzju għaqli deskritt fil-paragrafu 10, il-maniġment għandu jirreferi għall-applikabilità tal-għejun li ġej f'ordni dekrexxenti u jikkunsidrahom:**
- (a) **ir-*rekwiżiti tal-IFRSs li jittrattaw kwistjonijiet simili u relatati; kif ukoll***
  - (b) **id-*definizzjonijiet, il-kriterji ta' rikonossiment u l-kunċetti ta' kejl għall-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjt u l-ispejjeż fil-Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju (Qafas Kunċettwali)***.

† Il-paragrafu 54G jispjega kif dan ir-*rekwiżit* huwa emendat għall-bilanċi tal-kontijiet regolatorji.

...

## DATA U TRANŻIZZJONI EFFETTIVI

...

- 54F *Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*, maħruġa fl-2018, paragrafi emendati 6 u 11(b). Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara. L-applikazzjoni bikrija hija permessa jekk fl-istess waqt entità tapplika wkoll l-emendi l-oħra li saru mill-*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*. Entità għandha tapplika l-emendi għall-paragrafi 6 u 11 (b) b'mod retrospettiv skont dan l-Istandard. Madankollu, jekk entità tiddetermina li applikazzjoni retrospettiva ma tkunx prattikabbli jew tkun tinvolvi kosti jew sforzi indebiti, għandha tapplika l-emenda għall-paragrafi 6 u 11(b) b'referenza għall-paragrafi 23-28 ta' dan l-Istandard. Jekk l-applikazzjoni retrospettiva ta' kwalunkwe emenda fl-*Emendi tar-Riferenzi għall-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS* tinvolvi spiża jew sforz bla bżonn, entità għandha, fl-applikazzjoni tal-paragrafi 23–28 ta' dan l-Istandard, taqra kwalunkwe referenza ħliet fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 27 għal "mhux prattikabbli" bħala "tinvolvi spiża jew sforz mhux dovut" u kull referenza għal "prattikabbli" bħala "prattikabbli mingħajr spiża jew sforz mhux dovut".

54G Jekk entità ma tapplikax l-IFRS 14 *Differiment Regolatorju tal-Kontabbiltà*, l-entità għandha, meta tapplika l-paragrafu 11 (b) għal bilanċi ta' kontijiet regolatorji, tkompli tirreferi u tqis l-applikabbiltà tad-definizzjonijiet, il-kriterji ta' rikonoxximent, u l-kunċetti ta' kejl fil-Qafas għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji\* minflok daww fil-Qafas Kunċettwali. Bilanċ ta' kont regolatorju huwa l-bilanċ tal-kont ta' kwalunkwe spiża (jew dħul) li mhuwiex rikonoxxut bħala assi jew obligazzjoni skont Standards applikabbli oħra tal-IFRS iżda li huwa inkluż, jew huwa mistenni li jiġi inkluż, mir-regolatur tar-rata fl-istabbiliment tar-rata/i li tista' /jistgħu tiġi/jiġu imposta/i lill-klijenti. Regolatur tar-rata huwa korp awtorizzat li għandu s-setgħa permezz ta' statut jew regolament li jistabbilixxi r-rata jew firxa ta' rati li jorbtu entità. Ir-regolatur tar-rata jista' jkun parti terza jew parti relatata tal-entità, inkluż il-bord ta' tmexxija tal-entità stess, jekk dak il-korp ikun meħtieġ minn statut jew regolament biex jistabbilixxi rati kemm fl-interess tal-klijenti kif ukoll biex jiżgura l-vijabbiltà finanzjarja globali tal-entità.

\* Ir-referenza hija għall-Qafas għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji tal-IASC adottat mill-Bord fl-2001.

### **Emendi tal- IAS 34 Rappurtaġġ Finanzjarju Interim**

Il-paragrafi 31 u 33 huma emendati u jiddied il-paragrafu 58. Titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna "(il-Qafas)," fil-paragrafu 31.

#### **L-istess politiki kontabilistiċi bħal daww annwali**

...

31. Skont il-Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju (Qafas Kunċettwali), ir-ikonoxximent huwa l-proċess ta' qbid, għall-inklużjoni fid-dikjarazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja jew tar-rapport (i) tal-prestazzjoni finanzjarja, entrata li tissodisfa d-definizzjoni ta' wieħed mill-elementi tar-rapporti finanzjarji. Id-definizzjonijiet ta' assi, obligazzjonijiet, introjtu, u spejjeż huma fundamentali għar-ikonoxximent, kemm fi tmiem ir-rappurtaġġ finanzjarju annwali kif ukoll f'dak interim.

...

33. Karatteristika essenzjali ta' introjtu (dħul) u spejjeż hija li d-dħul u l-ħruġ ta' assi u obligazzjonijiet ikunu diġà sehew. Jekk daww id-dħul u l-ħruġ diġà jkunu seħħu, id-dħul u l-ispejjeż relatati jiġu rikonoxxuti; inkella ma' jiġux rikonoxxuti. Il-Qafas Kunċettwali ma jippermettix ir-ikonoxximent ta' entrati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja li ma jissodisfaww id-definizzjoni ta' assi jew obligazzjonijiet.

...

#### **DATA EFFETTIVA**

...

58. *Emendi għar-Referenzi għall-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*, maħruġa fl-2018, paragrafi emendati 31 u 33. Entità għandha tapplika daww l-emendi għall-perjodi annwali li jibdeu fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara. L-applikazzjoni bikrija hija permessa jekk fl-istess waqt entità tapplika wkoll l-emendi l-oħra li saru mill-*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*. Entità għandha tapplika l-emendi għall-IFRS 34 retrospettivament skont l-IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*. Madankollu, jekk entità tiddetermina li applikazzjoni retrospettiva ma tkunx prattikabbli jew tkun tinvolvi kosti jew sforzi indebiti, għandha tapplika l-emenda tal-IAS 34 b'referenza għall-paragrafi 43–45 ta' dan l-Istandard u l-paragrafi 23–28, 50–53 u 54F tal-IAS 8.

### **Emenda tal-IAS 37 Proveddimenti, Obligazzjonijiet Kontinġenti u Assi Kontinġenti**

Tiddied nota f'qiegħ il-paġna mad-definizzjoni ta' obligazzjoni fil-paragrafu 10.

\* Id-definizzjoni ta' obligazzjoni f'dan l-Istandard ma ġietx riveduta wara r-reviżjoni tad-definizzjoni ta' obligazzjoni fil-Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju maħruġ fl-2018.

**Emenda tal-  
IAS 38 Assi Intanġibbli**

Tiżdied nota f'qiegħ il-paġna mad-definizzjoni ta' assi fil-paragrafu 8.

- \* Id-definizzjoni ta' obligazzjoni f'dan l-Istandard ma ġietx riveduta wara r-reviżjoni tad-definizzjoni ta' obligazzjoni fil-Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju maħruġ fl-2018.

**Emenda tal-  
IFRIC 12 Arranġamenti għall-Konċessjoni ta' Servizz**

In-nota f'qiegħ il-paġna "Qafas għat-Tħejija u l-Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji" fit-taqsimha Referenzi hija emendata.

- \* Ir-referenza hija għall-Qafas għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji tal-IASC, adottat mill-Bord fl-2001 u li kien fis-seħħ meta ġiet żviluppata l-Interpretazzjoni.

**Emenda tal-  
IFRIC 19 Estinzjoni tal-Obbligazzjonijiet Finanzjarji permezz ta' Strumenti Azzjonarji**

In-nota f'qiegħ il-paġna "Qafas għat-Tħejija u l-Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji" fit-taqsimha Referenzi hija emendata.

- \* Ir-referenza hija għall-Qafas għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji tal-IASC, adottat mill-Bord fl-2001 u li kien fis-seħħ meta ġiet żviluppata l-Interpretazzjoni.

**Emenda tal-  
IFRIC 20 Spejjeż għat-Tneħħija tal-Iskart fil-Fażi tal-Produzzjoni ta' Minjiera tal-Wieċ**

Tiżdied nota f'qiegħ il-paġna mal-"Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju" fit-taqsimha Referenzi.

- \* Ir-referenza hija għall-Qafas għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji adottat fl-2010 u li kien fis-seħħ meta ġiet żviluppata l-Interpretazzjoni.

**Emenda tal-  
IFRIC 22 Tranżazzjonijiet f'Munita Barranija u Korrispettiv bil-Quddiem**

Tiżdied nota f'qiegħ il-paġna mal-"Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju" fit-taqsimha Referenzi.

- \* Ir-referenza hija għall-Qafas għall-Preparazzjoni u l-Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji adottat fl-2010 u li kien fis-seħħ meta ġiet żviluppata l-Interpretazzjoni.

**Emendi tal-  
IS-SIC-32 Assi Intanġibbli—Spejjeż tas-Siti fuq l-Internet**

Il-paragrafu 5 huwa emendat, titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna "Qafas" fil-paragrafu 5. Jiddaħħal paragrafu ġdid fl-aħħar tat-taqsimha taħt l-intestatura "Data effettiva".

**KWISTJONI**

...

5. Din l-Interpretazzjoni ma tapplikax għall-ispiża fuq ix-xiri, l-iżvilupp u t-tħaddim ta' hardwer (eż. servers tal-web, staging servers, servers ta' produzzjoni u konnessjonijiet mal-Internet) ta' sit web. Din l-ispiża hija kkomputata skont l-IAS 16. Barra minn dan, meta entità ġġarrab spiża fuq fornitur tas-servizz tal-Internet li jkun qed jospita s-sit tal-entità fuq l-Internet, l-ispiża tkun rikonoxxuta bħala spiża taħt l-IAS 1.88. u l-Qafas Kunċettwali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju meta s-servizzi jkunu rċevuti."

...

DATA EFFETTIVA

...

*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*, maħruġa fl-2018, paragrafu 5 emendat. Entità tapplika dik l-emenda għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara. L-applikazzjoni bikrija hija permessa jekk fl-istess waqt entità tapplika wkoll l-emendi l-oħra li saru mill-*Emendi għar-Referenzi tal-Qafas Kunċettwali fl-Istandards tal-IFRS*. Entità għandha tapplika l-emendi fl-SIC-32 retrospettivament skont l-IAS 8 *Politiki Kontabilistiċi, Bidliet fl-Istimi Kontabilistiċi u Żbalji*. Madankollu, jekk entità tiddetermina li applikazzjoni retrospettiva ma tkunx prattikabbli jew tkun tinvolvi kosti jew sforzi indebiti, għandha tapplika l-emenda tal-SIC-32 b'referenza għall-paragrafi 23–28, 50–53 u 54F tal-IAS 8.

---